**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Novembru, 2016**

**Rikors nru: 102/2013 MF**

**Elton Mamo**

**Vs**

**Christopher Saliba**

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur fejn talab li l-konvenut jiġi kkundannat li jħallsu s-somma ta' sitt elef mija u disa' u tletin Ewro u disa' u tletin ċenteżmu (€6,139.39), rappreżentanti danni kontrattwali naxxenti minn ftehim t'appalt dwar xogħolijiet ta' kostruzzjoni u alterazzjonijiet fil-fond ossija 6/7, Sqaq Sant'Antnin, Bubaqara, Żurrieq, konsistenti, fost oħrajn, f'żjiediet fil-prezzijiet illi kellu jħallas l-istess attur lill-kuntratturi oħra li ġew inkarigati minnu sabiex jesegwixxu u jitterminaw l-istess imsemmi appalt illi l-konvenut abbanduna mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tas-17 ta' Ġunju 2009 u tal-31 ta' Mejju 2011, u bl-imgħax, dekorribbli mid-data tan-notifika tar-rikors promotur sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Rat li ir-risposta ta' Christopher Saliba fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament diġa hemm deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fit-12 ta' Diċembru 2008 fl-ismijiet premessi (Talba numru 459/2007MK) li effettivament jifforma ġudikat bejn il-kontendenti u għalhekk peress illi l-mertu ta' din il-kawża ġja huwa *res judicata* t-talbiet attriċi kollha għandhom jiġu riġettati minnufih;

2. Illi preliminarjament ukoll it-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament ukoll it-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi mingħajr ebda preġudizzju għal dak preċitat u fil-mertu, l-ebda ammont ma huwa dovut mill-eċċipjent odjern lill-attur;

5. Illi mingħajr ebda preġudizzju għal dak preċitat u fil-mertu, t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Għal dawn ir-raġunijiet kollha u għal dawk ir-raġunijiet li rriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża t-talbiet attriċi kollha għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur;

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013,[1] din il-Qorti kienet idderiegiet lill-partijiet biex jillimitaw il-provi taghhom ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat li fl-istess seduta, din il-Qorti laqghet it-talba tal-avukati difensuri tal-partijiet li jigu annessi ma' dawn il-proceduri, l-process fl-ismijiet **Elton Mamo vs Christopher Saliba** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-24 ta' April 2009.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ppreżentati dwar dawn it-tlett eccezzjonijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet;

[1] Ara il-verbal a fol. 9 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

1. Elton Mamo u Christopher Saliba daħlu f'kuntratt t'appalt datatat 26 ta' Awissu, 2002 li permezz tiegħu Christopher Saliba obbliga ruħu li jwettaq xogħolijiet ta' kostruzzjoni u alterazzjoni fil-fond 6/7, Sqaq Sant'Antnin, Bubaqra, Żurrieq, liema xogħolijiet kellhom jitlestu sal-aħħar ta' Diċembru, 2002. [2]

2. Fi skrittura privata datata 20 ta' Jannar 2003, il-konvenut iddikjara li hu kien ircieva minghand l-attur is-somma ta' Lm2,340 ghal dan ix-xoghol ta' appalt, imma il-konvenut iddikjara wkoll li ma setax ikompli dan l-appalt u bi qbil ma' l-attur gie accettat illi x-xogholijiet gja ezegwiti minnhom jigu stmati mill-Arkitett Herbert Debono. F'din l-istess dikjarazzjoni, sottofirmata minnu, l-konvenut obbliga ruhu li jirrifondi lura lill-attur id-differenza bejn din l-istima u l-ammont anticipat lilu mill-attur.[3]

3. Elton Mamo u Christopher Saliba ftehmu li jqabbdu lill-Perit Herbert Debono sabiex jagħmel rapport dwar x-xogħol li twettaq minn Christopher Saliba fil-fond indikat u dan bl-għan li jiġi stabbilit il-valur tax-xogħol li eżegwixxa l-istess Christopher Saliba fil-fond ta' Elton Mamo. [4]

4. Il-Perit Herbert Debono ghadda ghal din l-istima tax-xoghlijiet u fir-rapport rilaxxat minnu fl-1 ta' Frar, 2003, iddetermina wkoll liema kienu dawk ix-xogholijiet li fil-fehma tieghu ma sarux skond l-arti u s-sengha. Huwa ikkonkluda li x-xoghol li sar li

---

[2] Ara fols 2, 3 u 4 tal-proċess fl-ismijiet **Elton Mamo vs. Christopher Saliba** (Talba Numru 459/07 MK), liema proċess ġie allegat mal-proċeduri odjerni. Ara wkoll fol. 23 sa 25 tal-proċess odjern.
[3] Ara Dok AS6 a fol 51 tal-proċess.
[4] Ara fols 20, 26 tal-proċess fl-ismijiet "**Elton Mamo vs. Christopher Saliba**" (Talba Numru 459/07 MK), liema proċess ġie allegat mal-proċeduri odjerni. Ara wkoll fol 51 tal-proċess.

lahaq sar mill-konvenut fil-fond in kwistjoni kien jiswa Lm 1,158.56.[5] Għaldaqstant, l-ammont li kellu jirrifondi lura l-konvenut lill-attur kien jammonta Lm 1181.44).

5. Il-konvenut ma qabilx ma din l-istima ghal diversi ragunijiet, li m'humiex relevanti ghal fini ta' dawn il-proceduri.

6. Konsegwentement l-attur fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal Għat-Talbiet Żgħar sabiex il-konvenuti jigi ikkundannat jirrifondilu is-somma ta' Lm 1181.44.

7. Dawn il-proceduri gew finalment decizi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[6] tal-24 t'April 2009, li kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' (Lm 1131.44) ossija bl-imgħaxijiet mid-29 ta' Ottubru, 2003 u bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi. Il-Qorti tal-Appell wasslet għal dan l-ammont imsemmi, prinċipalment wara li ħadet in konsiderazzjoni l-valur tax-xogħol li esegwixxa l-konvenut skond ir-rapport tal-Perit Herbert Debono tal-1 ta' Frar 2003 kif ukoll ħadet in konsiderazzjoni il-valur tal-għodda u xi ftit ġebel – ossija "*loose material*" – li tħalla mill-konvenut fuq il-post.

8. Hu pacifiku bejn il-partijiet li l-konvenut hallas l-ammont likwidat mill-Qorti tal-Appell lill-attur.

9. Wara li sar dan il-hlas mill-konvenut, l-attur fetah il-proċeduri odjerni, fejn qed jitlob li l-konvenut jigi ikkundannat ikhallsu l-ammont ta' €6,139.39, rappreżentanti danni kontrattwali naxxenti mill-kuntratt t'appalt li kienu daħlu fih il-kontendenti, konsistenti, fost ohrajn, f'zidiet fil-prezzijiet illi jhallas l-attur lill-kontratturi ohra li gew inkarigati minnu sabiex jezegwixxu u jitterminnaw l-istess appalt, li l-konvenut kien abbanduna minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din is-sentenza hija limitata għall-ewwel tliet eċċezzjonijiet li ġew sollevati mill-konvenut fir-risposta tieghu, u li din il-Qorti se tikkonsidra wahda wahda.

---

[5] Ara fol. 7 tal-process anness.
[6] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*L-Ewwel Eċċezzjoni – Res Judicata*

Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu, l-konvenut eccepixxa illi diġa' hemm deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fit-12 ta' Diċembru 2008 fl-ismijiet premessi (Talba numru 459/2007 MK) li effettivament tifforma ġudikat bejn il-kontendenti u għalhekk, peress illi l-mertu ta' din il-kawża ġja huwa *res judicata,* t-talbiet attriċi għandhom jiġu riġettati minnufih.

Qabel ma tikkunsidra din l-eċċezzjoni ta' *res judicata* fil-meritu, din il-Qorti tixtieq tosserva li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fit-12 ta' Diċembru 2008 ma tifformax ġudikat bejn il-partijiet, u dan stante li kien gie intavolat appell mill-attur minn din is-sentenza. Il-Qorti tal-Appell laqghet l-appell tal-attur u varjat s-sentenza appellata, fis-sens li inghad aktar il-fuq. Għaldaqstant, *se mai*, hija s-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' April 2009 li tifforma ġudikat bejn il-partijiet, u mhux is-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar tat-12 ta' Diċembru 2008. Dan nonostante, din il-Qorti se tikkonsidra din l-eccezzjoni fil-meritu.

Hu saput illi sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni ta' *res judicata*, hemm bżonn li jikkonkorru dawn it-tliet elementi:

1. L-istess oġġett (*eadem res*);
2. L-istess partijiet (*eadem personae*); u
3. L-istess kawzali (*eadem causa petendi*). [7]

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern m'hemm l-ebda dubju li l-partijiet fil-kawża li kienet deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 2009 fl-ismijiet "**Elton Mamo vs. Christopher Saliba**" (Avviż Numru 459/07 MK) huma l-istess partijiet fil-kawża odjerna. Fil-fatt, tqajmet l-ebda kontestazzjoni dwar dan il-fatt minn xi wieħed mill-partijiet. Konsegwentement, din il-Qorti

[7] Ara, *inter alia,* s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Sharon Żahra v. Stefan Żahra**, is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (*per* Imħallef Joseph R.. Micallef) tal-25 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet **Charles Cortis vs. Francis X. Aquilina**; is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (*per* Imħallef Philip Sciberras) fis-17 ta' Frar 2003 fl-ismijiet **Kontrollur tad-Dwana vs. J.T.E. Limited;** is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fl-ismijiet **Adrian Busietta nomine vs. Marco Attard**.

trid tiddetermina jekk il-kawza odjerna titrattax l-istess oġġett kif ukoll ghandhiex l-istess kawzali tal-kawza l-ohra deciza mill-Qorti tal-Appell.

Mill-atti tal-proċess li ġie allegat mal-kawża odjerna, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li f'dawk il-proceduri l-attur kien qed jitlob id-differenza ta' bejn l-ammont li kien ħallas lill-konvenut bħala depożitu għall-akkont tax-xogħolijiet li kellu jesegwixxi fil-fond tiegħu – Lm 2,340 - u l-valur tax-xogħol li effettivament wettaq l-istess konvenut fil-fond tal-attur, li skond ir-rapport tal-Perit Herbert Debono kien jammonta għal Lm 1,158.56. Fil-fatt, fil-proceduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Zgħar, l-attur talab lill-istess Tribunal sabiex: *"... ... jikkundanna lill-konvenut li jħallas ossija jirrifondi lill-attur is-somma ta' elf mija wieħed u tmenin lira Maltin u erba u erbgħin ċenteżmu (Lm1181.44)* <u>*rappreżentanti l-ħlas żejjed li sar mill-attur a favur il-konvenut akkont ta' xogħol li baqa' qatt ma twettaq mill-istess konvenut kif hawn fuq spjegat*</u>." [sottolinear ta' din il-Qorti].

Mill-banda l-oħra, fir-rikors odjern, l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu "... *is-somma ta' sitt elef mija u disa' u tletin Ewro u disa' u tletin ċenteżmu (€6,139.39) rappreżentanti* <u>danni kontrattwali</u> *naxxenti minn ftehim t'appalt dwar xogħolijiet ta' kostruzzjoni u alterazzjonijiet fil-fond ossija 6/7, Sqaq Sant' Antnin, Bubaqra, Żurrieq, konsistenti, fost oħrajn,* <u>*f'żjiediet fil-prezzijiet illi kellu jħallas l-istess attur lill-kuntratturi oħra li ġew inkarigati minnu sabiex jesegwixxu u jitterminaw l-istess imsemmi appalt*</u> *illi inti [l-konvenut] abbandunajt [abbanduna] mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Għaldaqstant, minkejja li dawn il-proċeduri jittrattaw l-istess oġġett – senjatament il-kuntratt t'appalt tas-26 ta' Awissu 2002 bejn il-kontendenti – din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-kawzali taz-zewg proceduri m'humiex l-istess. Il-kawzali ghal azzjoni ghal rifuzjoni lill-attur ta' hlas zejjed li ghamel lill-konvenut akkont tal-prezz tal-appalt (il-proceduri tal-kawzali fil-proceduri l-ohra) ma ghanda xejn mal-kawzali ghal hlas ta' danni kontrattwali – cioe danni kagunati minn ksur ta' kuntratt - pretizi mill-attur fil-kawza odjerna. L-ewwel proceduri kienu azzjoni ta' *action de in rem verso* (arrikkiment ingust) ibbazati fuq il-kwazi-kuntratt (Artikolu 1028A tal-Kodici Civili). Il-proceduri odjerni huma ibbazati fuq pretensjoni ghal danni kontrattwali (Artikolu 992 tal-Kodici Civili).

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-konvenut jiccita in sostenn tat-tezi tieghu is-sentenza **Carmelo Camilleri vs Spiro D'Amato** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 1956. F'dik is-sentenza gie ritenut hekk: *"Ma jistghax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni precedenti billi jgib ragunijiet u provi li kien jaf bihom u li seta' u messu gab fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk 'imputet sibi' ... ... Kif sewwa kellha okkazzjoni tafferma din il-Qorti fis-sentenza tas-6 ta' Marzu 1950 in re. 'Bonello vs Cuschieri ne' b'riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Firenze tat-30 ta' Lulju 1907, "il giudicato si forma non solo in ordine a cioe che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non fu discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza od eccezione (Vol. XXXIV.I.714)"*

Dan l-insenjament huwa pacifiku fil-gurisprudenza u fid-dottrina tal-Qrati taghna. Pero fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, dan l-insenjament mhux applikabbli ghal fatti specje tal-kaz odjern u bl-ebda mod ma jista' jghin it-tezi tal-konvenut. Kif diga inghad, fil-kaz odjern, l-appellant mhux qed jipprova jinnewtralizza l-ewwel proceduri li istitwixxa *"billi jgib ragunijiet u provi li kien jaf bihom u li seta' u messu gab fil-kors tal-process l-iehor."*. Fl-ewwel kawza, l-attur talab u ottjena kundanna biex il-konvenut jirrifondilu flus li kien hallsu zejda, a bazi tal-principji tal-kwazi kuntratt, fil-kawza odjerna l-attur qed jitlob li l-konvenut ihallsu ghad-danni li sofra konsegwenza tal-fatt li l-konvenut abbanduna l-kuntratt ta' appalt ezistenti bejn il-kontendenti minghajr raguni valida, u l-attur kellu jqabbad terzi persuni sabiex jikkompletaw ix-xoghol tal-appalt minflok il-konvenut – azzjoni prettament kontrattwali – kawzali totalment differenti minn dik tal-ewwel proceduri. Il-provi li l-attur irid igib biex jissostanza l-pretensjoni tieghu fil-kawza odjerna li soffra danni kontrattwali, kienu ghal kollox irrelevanti ghal fini li tigi deciza l-ewwel kawza li ghamel ghar-rifuzjoni tad-depozitu zejjed li kien ta' lill-konvenut.

Konsegwentement, wieħed mill-elementi li jrid neċessarjament jissussisti sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni ta' *res judicata* – u cioe dak li z-zewg kawzi ikollhom l-istess kawzali - huwa għalhekk nieqes fil-każ odjern. Ghalhekk l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut ma tistax tigi akkolta.

*It-Tieni Eċċezzjoni – Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili*

Fit-tieni lok, il-konvenut jeccepixxi preliminarjament li t-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili li jippreskrivi hekk:

"*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*"

Ma hemmx dubju li bejn il-partijiet kien jeżisti kuntratt t'appalt u li skond l-attur, id-danni li qiegħed jippretendi fil-kawża odjerna huma konsegwenza tal-fatt li l-konvenut abbanduna l-kuntratt t'appalt minghajr raguni valida skondi l-ligi.

Kif ingħad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April 1953 fl-ismijiet **Joseph Micallef noe vs Carmelo Cassar**[8]: *"Ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni ta' danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien ta' preskrizzjoni huwa dak imfisser mill-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn – prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (3) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin."* (Ara wkoll fl-istess sens **Joseph Żammit vs Joseph Bonello et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[9] fit-8 ta' Ottubru 2004 u s-sentenzi fiha kwotati u **John Grech vs. Ivan Mifsud et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[10] fl-1 ta' April 2003.

Fis-sentenza **Carmela armla Manicolo vs Philip Hili**, deciza fil-5 t'Ottubru 1998, il-Qorti tal-Appell ikkwotat b'approvazzjoni gudikati anterjuri tal-istess Qorti li jghidu hekk:
*"Il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 hija applikabbli ghad-danni "extra kontratwali" jigifieri m'hux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni, imma"ex delicto vel quasi". Meta d-danni huma "ex contractu" ghax gejjin minn relazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija ta' hames snin u m'hux ta' sentejn (Vol.*

[8] Vol XXVII-I-140
[9] *Per* Imhallef Geoffrey Valenzia
[10] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef.

*XXIX.I.1340) u l-kazistika fiha ndikata). "Fil-kaz ta' appalt addebitu li l-appaltant jaghmel lill-appaltatur, li huwa responsabbli ghad-danni minhabba esekuzzjoni hazina ta' appalt, jikkostitwixxi addebitu ta' kolpa kontrattwali, u ma fihx karattru delittwuz jew kolpuz, u ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli kontra l-azzjoni ghal dawk id-danni hija ta' hames snin" (Vol. XXVIII.I.292).*

*"E riconosciuto che quella prescrizione di due anni stabilita dall'art. 1917 (illum 2153) non riguarda le azioni per risarcimento di danni derivanti da dolo o copa contrattuale; simili azioni si prescrivono nello stesso tempo in cui si prescrive l'obbligazione" (Vol. XXVI.1.54)."*

L-istess insenjament gie ribadit Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet **Louis Muscat vs. AIC Anthony Borg et**, li kien jikkoncerna proprju kuntratt ta' appalt, fejn id-danni li qed jippretendi l-attur huma dawk derivanti minn inadempjenza kuntrattwali, ghall-fini tal-perjodu preskrittiv japplika l-preskrizzjoni kwinkennali skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, u mhux il-preskrizzjoni iqsar kontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. (Ara wkoll fl-istess sens **Borda vs Arrigo Group of Hotels Ltd** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[11] fil-15 ta' Jannar 1999 u **Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet Pubbliċi vs. Charles Azzopardi** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[12] fit-3 ta' Lulju 2003, u l-kazistika fihom ikkwotata.

Kif jghid il-konvenut stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, fl-Avviz promotur, l-attur jghid bl-iktar mod car li l-hlas li hu qieghed jippretendi minghand il-konvenut jirrapprezenta danni kontrattwali. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur jerga' jtenni li l-azzjoni odjerna hija azzjoni ta' danni kontrattwali naxxenti mill-kuntratt t'appalt li kien hemm bejn il-kontendenti, u li l-konvenut abbanduna minghajr raguni valida fil-ligi.

Kwindi, hu kjarament wisq evidenti li f'dan il-kaz, in bazi ghall-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, m'hix applikabbli l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

---

[11] *Per* Imhallef Frank Camilleri.
[12] *Per* Imhallef Tonio Mallia

*It-Tielet Eċċezzjoni – Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili*

Fit-tielet eccezzjoni preliminari tieghu, il-konvenut jeccepixxi preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-Artikolu jippreskrivi hekk:
*« L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
*… …*
*(f) L-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"*

Ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq f'din is-sentenza, il-perjodu li fih attur irid neċessarjament jintavola l-kawża tiegħu f'każijiet li jittrattaw danni kontrattwali naxxenti minn kuntratt ta' appalt – bħal dawk odjerni - huwa dak ta' ħames snin. Għaldaqstant, il-konvenut huwa korrett meta jissottometti illi l-perjodu preskrittiv ikkontemplat fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili huwa dak li għandu japplika għall-fattispeċie tal-każ odjern.

Kif inhu rispaput, skond il-ligi, il-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri minn dak-in-nhar li l-azzjoni setghet tigi ezercitata.[13] Dan ifisser li f'dan il-kaz, il-hames snin bdew jiddekorru minn meta l-attur sar jaf bil-hsara li se jsofri – senjatament minn meta l-konvenut iddeċieda li jieqaf jaħdem fil-fond tal-attur. Il-konvenut, *inter alia*, iddikjara li kien ser ikollu jieqaf mix-xogħolijiet fil-fond tal-attur bi skrittura datata 20 ta' Jannar 2003[14], u ghal fini ta' preskrizzjoni, il-Qorti se tiehu din id-data bhala d-data minn meta l-azzjoni setghet tigi ezercitata. L-azzjoni odjerna gietipprezenta fit-12 t'April 2013 - u cioe aktar minn ghaxar snin wara din id-data.

Pero, mill-atti jirrizulta li l-attur baghat erba' ittri ufficcjali lill-konvenut qabel intavola l-proceduri odjerni, liema ittri gew debitament notifikati lill-konvenut. Dawn l-ittri ufficjali huma s-segwenti:

i. L-attur bagħat l-ewwel ittra uffiċjali tiegħu lill-konvenut fid-9 ta' Lulju 2004 u notifikata lill-konvenut fis-16 ta' Lulju 2004, u dan bl-għan illi:

[13] Ara **Louis Muscat vs. AIC Anthony Borg et** deciza Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001.
[14] Ara fol 5 tal-proċess allegat mal-proċeduri odjerni.

a. Jinterpella lill-konvenut sabiex jirrifondi ossija jħallas lill-attur is-somma ta' Lm1181.44 bħala rifużjoni tal-ħlas żejjed li sar lilu akkont tax-xogħol li kellu jiġi eżegwit minnu skond il-kuntratt ta' appalt, iżda li qatt effettivament ma ġie konkluż minnu;

b. Iżomm lill-konvenut responsabbli għad-danni u telf ieħor illi huwa sofra, sew minħabba l-abbandun tal-konvenut tal-appalt illi tiegħu hu assuma l-inkarigu u sew minħabba ż-żjiediet, danni u spejjeż oħra li inkorra l-attur in konnessjoni mal-inkarigu ġdid li huwa kellu jagħti lill-kuntratturi ġodda sabiex jitkompla l-istess xogħol.[15]

ii. It-tieni ittra uffiċjali lill-konvenut inharget fis-26 ta' Ġunju 2006 ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta, u fiha l-konvenut gie interpellat biss ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1181.44 bħala rifużjoni tal-ħlas żejjed li kien ghamel akkont tal-prezz tal-appalt.[16] Ghalhekk, din l-ittra ufficjali mhix rilevanti ghal fini tal-ksur tal-preskrizzjoni tal-pretensjoni tal-attur ghad-danni kontrattwali.

iii. L-attur bagħat it-tielet ittra uffiċjali lill-konvenut fis-17 ta' Ġunju 2009 u notifikata lill-konvenut fil-25 ta' Gunju 2009, u dan bl-għan li jinterpella lill-konvenut sabiex jersaq għall-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni naxxenti mill-kuntratt t'appalt in kwistjoni, rappreżentanti t-telf, iż-żjiediet u l-ispejjeż kollha, inkluż dawk relatati mar-reparazzjonijiet meħtieġa, li sofra l-attur wara li l-konvenut abbanduna l-kuntratt ta' l-appalt in kwistjoni, u dan in konnessjoni ma' l-inkarigu ġdid li l-istess attur kellu jagħti lill-kuntratturi ġodda sabiex, *inter alia*, jitkompla x-xogħol ġewwa l-fond *de quo*.[17]

iv. L-attur bgħat ir-raba' ittra uffiċjali tiegħu lill-konvenut fil-**31 ta' Mejju 2011** u dan bl-istess għan tat-tielet ittra uffiċjali.[18]

---

[15] Ara fol. 27-28 tal-proċess.
[16] Ara fol. 30-34 tal-proċess.
[17] Ara fol. 37-38 tal-proċess.
[18] Ara fol. 40-41 tal-proċess.

Mis-suespost jirriżulta biċ-ċar illi l-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu 2156(f) qatt ma skadiet – anke jekk it-tieni ittra ufficcjali mibghuta ma kinitx idonea biex tinterrompi l-preskrizzjoni kwinkwennali u dan ghaliex ma kienux ghaddew hames snin bejn in-notifika tal-ewwel ittra ufficjali u tat-tielet ittra ufficjali. Konsegwentement l-azzjoni attrici odjerna mhix preskritta kif eccepit mill-konvenut.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jissottometti li l-attur tilef l-utilita tal-ewwel zewg ittri ufficjali mibghuta minnu, cioe dik tad-9 ta' Lulju 2004 u dik tas-26 ta' Gunju 2006, stante li fil-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, hu talab li l-konvenut ihallsu l-ispejjez ta' dawn l-ittri – hlas li mhux kontestat li effettivament sar. Il-konvenut jissottometti wkoll li l-attur qed jibbaza l-kawza odjerna fuq it-talbiet premessi fl-ittri ufficjali tas-17 ta' Gunju 2009 u tal-31 ta' Marzu 2011, stante li dawn huma l-unici zewg ittri ufficjali imsemmija fl-Avviz promotur. Hu jissottometti li d-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni hi l-1 ta' Frar 2003 – id-data tar-rapport tal-Perit Herbert Debono. Ghalhekk, peress li ghaddew aktar minn hames snin (fil-fatt sitt snin) bejn id-data tar-rapport tal-Perit Herbert Debono u d-data tal-ewwel ittra ufficjali citata f'din il-kawza – dik tas-17 ta' Gunju 2009 – l-azzjoni odjerna hi preskritta.

Il-Qorti ma tistax taqbel ma dawn is-sottomissjonijiet. Kif diga intqal huwa veru li l-ittra ufficjali tas-26 ta' Gunju 2006 ma tistghax tittiehed in konsiderazzjoni ghal fini tal-ksur tal-preskrizzjoni tal-kawza odjerna, imma dan mhux ghar-ragunijiet sottomessi mill-intimat, imma ghal dawk indikati mill-Qorti iktar il-fuq f'din is-sentenza. Mhux l-istess jista' jinghad ghall-ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju 2004. Huwa vera li l-attur talab u ottjena l-hlas taghha fil-proceduri l-ohra, u li ma semmihiex fl-avviz promotur ta' dawn il-proceduri, pero dan ma jfissirx li din l-ittra ma tilfet l-effikacita taghha li tinterrompi l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2016(f) tal-Kodici Civili. L-attur talab l-ispejjez taghha fil-proceduri l-ohra, u fil-fatt gie mhallas ghalihom, u ghalhekk legalment ma regax talab li jithallas l-ispejjez taghha f'dawn il-proceduri. Pero certament dan il-fatt ma jistghax jintuza kontrih.

Lanqas huwa korrett li jinghad li l-attur qed jibbaza l-kawza odjerna fuq it-talbiet premessi fl-ittri ufficjali tas-17 ta' Gunju 2009 u tal-31 ta' Marzu 2011, stante li dawn huma l-unici zewg ittri ufficjali imsemmija fl-avviz promotur. Dawn iz-zewg ittri ufficjali jissemmew biss fl-avviz promotur ghal fini biss tal-hlas tal-ispejjez, u xejn aktar, u l-attur bl-ebda mod m'hu qed jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq dawn iz-zewg ittri ufficjali. Jekk kien hemm ittra ufficjali

ohra – cioe dik tad-9 ta’ Lulju 2004 - li serviet biex tinterrompi l-preskrizzjoni kwinkwennali – din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni ukoll.

Rigward il-kumplament tas-sottomissjonijiet tal-konvenut f’dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax taqbel maghhom, u dan ghar-ragunijiet moghtija fil-konsiderazzjonijiet taghha iktar il-fuq f’din is-sentenza.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ma tistax tara kif din it-tielet eccezzjoni tal-konvenut tista’ tigi milqugha.

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet ta’ natura preliminari fir-risposta tal-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża skond il-ligi.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**